JUNIOR LYCEUMS & SECONDARY SCHOOLS

# ANNUAL EXAMINATION 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 5 RELIGION Time: 1¾hours

Name__________________________________ Class___________________

L-EWWEL SEZZJONI

Wieġeb fil-qosor:

1. X'dinjità tagħtina l-Magħmudija?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. X'jiġri fina meta nirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. Agħti żewġ tifsiriet ta' l-ilma fil-Magħmudija.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Għaliex kien jintuża l-battisteru fl-ewwel żminijiet tal-Knisja?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Semmi żewġ Dommi tal-Fidi dwar Sidna Marija.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

6. Għaliex il-Knisja hija dejjem kontra l-abort u l-ewtanasja?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

7. Min huma l-ministri fis-Sagrament taż-Żwieġ?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8. Lil min qed jirrappreżenta s-saċerdot fis-Sagrament taż-Żwieġ?

9. X'differenza hemm bejn imħabba 'eros' u mħabba 'agape'?

10. Xi jfisser iċ-ċelibat?

11. F'liema ktieb tat-Tesment il-Ġdid insibu x'ġara nhar il-Għid il-Ħamsin?

12. Għaliex hu mportanti li jkollna stima tagħna nfusna?

13. Semmi żewġ drittijiet li kull ħaddiem għandu jgawdi fuq ix-xogħol.

14. Minn fejn ġejja t-tbatija fix-xogħol?

15. Semmi żewġ attivitajiet li huma favur il-ħajja.

(30 marka)

IT-TIENI SEZZJONI

Ikteb il-Personaġġi li qalu dawn is-siltiet fl-ispazju pprovdut:
Pietru, San Pawl, Ġoel, Sidna Marija (il-Madonna), Eliżabetta, Eżekjel, San Ġakbu, San Ġwann (l-Evanġelista)

"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej"

(________________________)

"Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom, u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu"

(________________________)

"Nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha"

(________________________)

"U jiġi fl-aħħar jien, jgħid Alla, li jiena nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull bniedem, u jħabbru wliedkom, subien u bniet"

(________________________)

"Intom li intom mgħammda, ilbistu 'l Kristu"

(________________________)

"Intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem"

(________________________)

"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi"

(________________________)

"Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej"

(________________________)

(16-il marka)

IT-TIELET SEZZJONI

Qiegħed l-isem ta' dawn il-kotba tal-Bibbja fil-kolonna t-tajba:

San Mattew, Is-Salmi, L-Ittra lill-Korintin, Eżekjel, L-Apokalissi, Il-Ġenesi

| It-Testment il-Qadim | It-Testment il-Ġdid |
|---|---|
| 1. | 4. |
| 2. | 5. |
| 3. | 6. |

(6 marki)

IR-RABA' SEZZJONI

Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin:

1. "Ngħix, imma mhux jien ngħix , iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2, 20)

a) Uri x'rabta hemm bejn is-Sagrament tal-Magħmudija u s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

b) Għid fil-qosor fiex tikkonsisti l-qdusija?

c) Uri ukoll kif kulħadd, għalkemm minn toroq differenti hu msejjaħ għall-qdusija.

2. "Fil-fond ta' qalbu, il-bniedem għandu liġi miktuba minn Alla" (Konċilju Vatikan II)

a) X'nifmhu meta ngħidu l-Kuxjenza?

b) Bħala nsara x'għandna nagħmlu biex nibnu kuxjenza tajba?

c) Xi jfixkel liż-żgħażagħ tal-lum biex jiffurmaw kuxjenza nisranija?

3. "Alla ħa l-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdem u jħarsu" (Ġen 2, 15)

a) X'tgħid il-Bibbja dwar l-ambjent?

b) X'jiġri meta l-bniedem ma jimxix fuq il-pjan t'Alla dwar l-ambjent?

c) Liema sehem nistgħu nagħtu fil-ħarsien ta' l-ambjent bħala nsara?

4. "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mk 10, 2-9)

a) Għid u fisser x'inhuma l-iskopijiet taż-Żwieġ?

b) Iż-Żwieġ hu Sagrament li għandu dawn il-kwalitajiet, (i) l-unità; (ii) il-fedeltà; (iii) indissolubiltà. Xi jfissru dawn u x'għallem Ġesù dwarhom?

c) Kif nistgħu nħejju ruħna biex nidħlu għas-Sagrament taż-Żwieġ b'mod responsabbli?

(48 marka)